

Brussell, 2 ta' Settembru 2022  
(OR. en)

11571/22

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0076 (NLE)**

---

---

**CLIMA 381**  
**ENV 771**  
**ENER 379**  
**IND 303**  
**COMPET 627**  
**MI 593**  
**ECOFIN 756**  
**TRANS 509**  
**AELE 35**  
**CH 12**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-emendar tal-Annessi III u IV tal-Ftehim

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-emendar tal-Annessi III u IV tal-Ftehim**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom<sup>1</sup> (il-"Ftehim") ġie ffirmat fit-23 ta' Novembru 2017 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2240<sup>2</sup>.
- (2) Il-Ftehim ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219<sup>3</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.
- (3) Skont l-Artikolu 12(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta deċiżjonijiet li għandhom, mad-dħul fis-seħħ tagħhom, jorbtu lill-Partijiet.
- (4) L-Artikolu 13(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt jista' jemenda l-Annessi tal-Ftehim.
- (5) Huwa xieraq li tirrestawra l-kompatibbiltà u l-konsistenza bejn regoli tal-liġi u l-applikazzjoni prattiċi tagħhom b'fehma biex jiproteġi l-informazzjoni sensitiva, b'mod partikolari kontra żvelar mhux awtorizzat jew telf ta' integrità. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tal-marki tas-sensittività kif jinsabu fl-Anness III u IV tal-Ftehim, jenħtieġ li daww l-Annessi jiġu emendati f'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Ftehim.

---

<sup>1</sup> ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2240 tal-10 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (ĠU L 322, 7.12.2017, p. 1).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219 tat-23 ta' Jannar 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom (ĠU L 43, 16.2.2018, p. 1).

- (6) Il-Kumitat Konġunt, waqt il-ħames laqgħa tiegħu, jew aktar kmieni permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt<sup>1</sup>, ser jadotta Deċiżjoni fir-rigward tal-emendar tal-Annessi III u IV tal-Ftehim.
- (7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed, fisem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-emendar tal-Annessi III u IV tal-Ftehim, billi l-Annessi emendati ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-Kollegament tal-Iskemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra tagħhom tal-25 ta' Jannar 2019 fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1279 tat-18 ta' Settembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 239, 24.9.2018, p.8).

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, waqt il-ħames laqgħa tal-Kumitat Konġunt, jew qabel permezz ta' proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---